MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-28 ta' Frar, 2008

Citazzjoni Numru. 591/2007

**L-Avukat Dottor Michael Grech ID 256775(M) u Dottor George Hyzler (ID 328756(M) bhala mandatarji specjali ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' estera Unilever plc ta' Port Wirral, Merseyside, Renju Unit**
**Vs**
**Party Import-Export Limited C. 32464**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat ppresentat atturi nomine fit-28 ta' Mejju, 2007, li *in forza* tieghu, wara li ppremettew :

1. Illi s-socjeta attrici Unilever plc ta' Port Wirral, Merseyside CH62 4ZD, Renju Unit, ilha ghal zmien twil tbiegh fuq is-suq lokali 'washing powder' ghall-hasil ta' hwejjeg taht il-marka "PERSIL" f'boroz u pakketti rettangolari bil-'label' u 'get up' distintiv li jinkorpora fih l-isem "PERSIL";

2. Illi inoltre s-socjeta' attrici hija proprjetatja ta' bosta registrazzjonijiet tal-markju "PERSIL" f'diversi pajjizi, inkluz hawn Malta (fosthom Trade Mark Registration Nos. 1890 u 29181), u dan jaghtiha l-protezzjoni u dritt t'azzjoni kontra s-socjeta' konvenuta a tenur ta' l-Artiklu 14 tal-Kap 416 (Trade Marks Act);
3. Illi s-socjeta' intimata recentement bdiet tispacca merkanzija bhal dik tas-socjeta' attrici u cioe' 'washing powder' ghall-hasil ta' hwejjeg bl-isem "PERSIL POWERPERLS" bil-'label' u bil-'get up' li jinkorpora fill l-imsemmija boroz u pakketti rettangolari liema 'label' u 'get up' huma kwazi identici ghal dawk tas-socjeta' attrici u huwa ghalhekk intizi biex joholqu konfuzjoni fis-suq ghad-dannu ta' l-istess socjeta' attrici;
4. Illi l-'get up' uzat mis-socjeta' intimata huwa konfliggentement somiljanti ma dawk tas-socjeta' attrici u li jinkorpora l-istess isem tal-prodott tas-socjeta' rikorrenti, cioe' l-isem "PERSIL" miktub bl-ahmar fuq fond abjad u ghalhekk kollha kemm hu intiz sabiex joholqu konfuzjoni fis-suq ghad-dannu ta' l-istess socjeta' attrici;
5. Illi inoltre l-isem "PERSIL POWERPERLS"' uzat fuq il-pakketti tas-socjeta' intimata jinkorpora fih il-kelma "PERSIL" liema kelma hija proprjeta' esklussiva tas-socjeta' rikorrenti kif diga' suespost u liema kelma tidher bi prominenza fuq il-pakett tal-prodott tas-socjeta' rikorrenti, miktuba b'maniera identika bil-kulur ahmar, bl-ewwel ittra kapitali u bil-hames ittri sussegwenti b'ittri zghar u ghalhekk dan ukoll jista' facilment jikkreja aktar konfuzjoni fil-mohh tal-konsumatur;
6. Illi bhala konsegwenza ta' dan l-agir da parti tas-socjeta' intimata ammontanti ghall-konkorrenza sleali a tenur l-Artiklu 32 tal-Kap 13 kif ukoll ta' 'trade mark infringement' a tenur l-Artiklu 14 tal-Kap 416, s-socjeta' intimata qeda tohloq konfuzjoni fis-suq lokali mal-merkanzija tas-socjeta' attrici;
7. Illi b'dan il-mod s-socjeta' attrici qeda ssofri danni fin-negozju taghha tal-merkanzija fuq imsemmija.

Talbu ghaldaqstant li s-socjeta' konventuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. tinibiha milli timporta, tesponi ghall-bejgh, tipproduci, tinpakketta jew b'xi mod iehor tispacca fuq is-suq lokali 'washing powder' ghall-hasil tal-hwejjeg bl-isem "PERSIL POWERPERLS" u bil-'label' u bil-'get up' li jinkorpora fih l-isem "PERSIL" f'boroz u pakketti rettangolari;
2. tikkundannha sabiex fi zmien qasir li tiffissa l-Qorti hi tikkonsenja lis-socjeta' rikorrenti il-prodotti, il-pakketti u t-tiketti kollha tal-prodotti bl-isem "PERSIL POWERPERLS" li jinsabu fil-pussess taghha jew taht il-kontroll taghha sabiex dawn il-prodotti, pakketti u t-tikketti jinqerdu;
3. tikkundannha sabiex fl-istess zmien qasir hija tirtira minnghand il-grossisti, dettaljaturi jew persuni ohra l-istess prodotti, pakketti u tikketti kollha tal-prodott bl-isem "PERSIL POWERPERLS" u tikkonsenjhom lis-socjeta' rikorrenti biex jinqerdu'
4. tiddikjarha responsabbli tad-danni kollha sofferti u illi qeda ssoffri minhabba il-precitata konkorrenza sleali u "trade mark infringement" maghmula mis-socjeta' intimata;

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' intimata, inkluzi dawk tal-Mandati ta' Inibizzjoni numru 345/2007/1/FS u 469/2007/1/AL ngunta minn issa biex tidher ghas-subizzjoni;

Rat in-nota tax-xhieda ta' l-atturi nomine;

Rat illi ir-rikors guramentat gie debitament notifikat lis-socjeta' konvenuta li naqset li tipprezenta risposta guramentata u b'hekk baqghet kontumaci;

Semghet ix-xhieda ta' Dr Karl Briffa ghall-atturi fejn ikkonferma bil-gurament tieghu illi, dejjem minn informazzjoni li ghandu, l-posizzjoni ghadha ezattament kif kienet meta gie pprezentat ir-rikors guramentat.

Semghet l-Avukat ta' l-atturi nomine;

Ezaminat id-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza;

Billi mill-provi, mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-rikors guramentat jirrizultaw pruvati.

Fil-kontumacja tas-socjeta' konvenuta, tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel talba tal-atturi nomine; tilqa t-tieni talba attrici u tipprefiggi terminu ta' hmistax (15)-il gurnata millum sabiex is-socjeta' konvenuta tikkonsenja lill-atturi nomine il-prodotti, pakketti u it-tabelli kollha tal-prodotti kif imsemmi fir-rikors guramentat; tilqa t-tielet talba u tipprefiggi terminu ta' hmistax (15)-il gurnata ghal din il-fini; tilqa ukoll ir-raba' talba attrici; bl-ispejjez kif mitluba kontra s-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------